

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti l-irkupru tal-benefiċċji tal-familja mogħtija, fl-assenza ta' talba mill-ġenitur li għandu dritt għalihom skont din il-leġislazzjoni, lill-ġenitur l-ieħor, li t-talba tiegħu ttehdet inkunsiderazzjoni, konformement ma' din id-dispożizzjoni, mill-istituzzjoni kompetenti, u li fil-fatt isostni waħdu l-piż finanzjarju marbut mal-manteniment tal-wild.

(¹) ĠU C 242, 21.6.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-13 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht München – il-Ġermanja) – KP vs TV, Gemeinde Bodman-Ludwigshafen

(Kawża C-256/21) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade marks tal-Unjoni Ewropea – Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 124(a) u (d) – Artikolu 128 – Ġurisdizzjoni tal-qrati tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea – Azzjoni għall-kontraffazzjoni – Kontrotalba għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Rinunzja tal-azzjoni għal ksur – Eżitu tal-kontrotalba – Natura awtonoma tal-kontrotalba)

(2022/C 463/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht München

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: KP

Konvenut: TV, Gemeinde Bodman-Ludwigshafen

Dispożittiv

L-Artikolu 124(a) u (d) kif ukoll l-Artikolu 128 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, adita b'azzjoni għal kontraffazzjoni bbażata fuq trade mark tal-Unjoni Ewropea li l-validità tagħha hija kkontestata permezz ta' kontrotalba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, tibqa' kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar il-validità ta' din it-trade mark, minkejja l-irtirar tal-azzjoni prinċipali.

(¹) ĠU C 278, 12.07.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-13 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Najwyższy – il-Polonja) – Perfumesco.pl sp. z o.o., sp. k. vs Procter & Gamble International Operations SA

(Kawża C-355/21) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettuali – Direttiva 2004/48/KE – Rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali – Artikolu 10 – Miżuri korrettivi – Distruzzjoni ta' merkanzija – Kunċett ta' "ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettuali" – Merkanzija li għandha trade mark tal-Unjoni Ewropea)

(2022/C 463/11)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy